**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Il-PULIZIJA**

**(Superintendent Josric Mifsud)**

**-Vs-**

**GORDON GRIMA**

**Illum, 30 ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' **GORDON GRIMA** ta' 49 sena, bin Joseph u Emanuela (k.a. Lily) nee' Attard, imwieled Birgu, nhar il-5 ta' Ġunju, 1975, residenti fil-fond numru Block 3, Flat 3, Triq San Mikiel, Bormla li ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar id-29 ta' Marzu 2025, għall-ħabta tat-tlieta u nofs nieqes ħams ta' filgħodu (03:25hrs), ġewwa Raħal Ġdid u ġewwa dawn il-Gżejjer:-

1. Naqas milli jħares il-kundizzjonjiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Imħallef Edwina Grima LL.D) datat 22 ta' Diċembru 2016, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija ta' għaxar t'elef (€10,000), li jkun ġewwa l-fond li jirrisjedi

fih bejn l-għaxra (22 00hrs) ta' bil-lejl u s-sitta (0600hrs) ta' filgħodu u dan bi ksur tal-artiklu 579 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiexb arra milli taplika l-piena stabblitaskont il-iġ tirrevoka l-benmefiċju tal-ħeslsien mil-arrest mogħti lil Gprdwon Grima u tordna l-arrestm ill-ġdid ta' l-istess Gordon Grima, u dan ai termini tal-artiklu 579 tal-Kodiċ1i Kriminali, Kapitolui 9  tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex is-somma bhala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt il-preżentata, jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkuża;

Semgħet lill-imputat jikkonferma din l-ammissjoni tal-ħtija anke wara li hija wissietu dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u ta' dikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reat li jinsab mixli bih, u l-piena erogabbli, u dan wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonjiet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Illi l-imputat jinsab mixli bir-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 ċioe' li kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li imposti fuqu bid-digriet mogħti fit-22 ta' Diċembru 2016.

Illi jirriżulta, mis-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u d-difiża, li din hija l-ewwel darba li l-imputat kiser xi kundizzjoni tal-ħelsien mill-arrest li ngħatalu bid-digriet mogħti fit-22 ta' Diċembru 2016, u f'dawn id-disa' snin li għaddew minn meta ngħata l-ħelsien mill-arrest, qatt ma naqas milli josserva xi kundizzjoni fosthom dik tar-rinkażar u qatt ma kkommetta xi reat kriminali ieħor. Il-Qorti fehmet illi l-imputat kien qed iħossu mdejjaq minħabba l-effetti tad-dipendenza tiegħu fuq id-droga u mar dawra bil-vettura tiegħu. Mhux il-każ li l-imputat ħareġ mid-dar waqt il-ħinijiet tar-rinkażar għal skop ta' divertiment jew biex jikkommetti xi reat ieħor u kollox magħdud, hija tal-fehma li l-ksur tagħha fiċ-ċirkostanzi ma jimmeritax piena ta' priġunerija jew xi piena severa.

Madankollu, dan premess, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-obbligu tar-rinkażar, meta jiġi impost, huwa meqjus bħala wieħed mill-iktar gravi għall-fini tal-ħelsien mill-arrest għaliex iservi bħala mezz ta' kontroll effettiv għall-presenza tal-imputat għall-proċeduri kif ukoll biex jitnaqqas l-inċidenza tal-kommissjoni ta' reati kriminali.

Il-Qorti qieset ukoll li l-imputat ikkoopera pjenament u minnufih mal-Pulizija li arrestawh u interrogawh, ammetta l-ħtija tiegħu fl-iktar stadju bikri tal-proċess u mill-atti li għandha quddiemha, ma jirriżultax li qatt ġie kundannat għal reat kriminali.

**Għaldaqstant, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil GORDON GRIMA ħati tal-imputazzjoni u tikkundannah multa ta' tliet mitt Euro (€300).**

**Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' mitejn Euro (€200) mill-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Diċembru 2016 – Dok. C.**

**Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur sabiex jieħu konjizzjoni tal-ordni tal-konfiska.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**